MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2012

Numru. 2/2012

Il-Pulizija
(Sp Spiridione Zammit)
vs
Jesmar Gafa', iben Anthony, imwieled Pieta' fl-10 ta' Lulju, 1991, karta ta' l-identita numru 350891(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fil-21 ta' Novembru, 2011 għal ħabta tat-3.30 p.m., fi Triq l-Imgieret, Ħal-Luqa u f'dawn il-Gżejjer saq vettura tal-għamla Daewoo Cielo, bin-numru tar-reġistrazzjoni KAA 441, u b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni ta' ħila fl-arti jew professjoni jew ukoll b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Rita Galea mis-Siġġiewi skkont kif iċċertifikat Dr. Marika Caruana M.D. taċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Floriana;

2. talli fl-istess ċirkostanzi b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni ta' ħila fl-arti jew professjoni jew ukoll b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaġuna ħsara fuq vettura tal-għamla Maruti, bin-numru tar-reġistrazzjoni AAM 704, għad-dannu ta' Rita Galea mis-Siġġiewi;
3. talli fil-21 ta' Novembru, 2011 f'xi ħin qabel jew wara it-3.30 p.m. fi Triq L-imġieret, Ħal-Luqa u f'dawn il-Gżejjer saq il-vettura msemmija tal-għamla Daewoo Cielo, bin-numru tar-reġistrazzjoni KAA441, b'manjiera traskurata u perikoluza;
4. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi saq l-imsemmija vettura bi speed eċċessiv;
5. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi saq l-imsemmija vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan u b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji ta' terzi persuni;
6. talli fl-istess ċirkostanzi meta kien involut f'inċident tat-traffiku naqas li jieqaf u meta kien meħtieġ naqas li jagħti l-'particulars' tiegħu u id-dettalji tal-vettura li kien qed isuq kif mitlub mill-liġi u/jew naqasa li jirraporta l-imsemmi nċident lill-pulizija jew gwardjani lokali;
7. talli fil-21 ta' Novembru, 2011 għal ħabta tat-3.45 p.m. f'dawn il-Gżejjer iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkell bil-qerq ħoloq traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jibdew proċeduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija, Jesmar Gafa' jiġi skwalifikat mill-liċenzja tas-sewqan.
Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna li jitħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Lulju, 2012 fejn il-parte ċivile infurmata lill-Qorti li l-feriti li ġarbbet kienu ta' natura ħafifa u it-total tad-danni hu ta'€1,425.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Lulju, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 110(2), 226(1)(ċ) u 328(d) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta’ Malta u ir-regoli 67 u 127 ta’ l-LS65.11. Rat l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat. Tikkundannah għal piena ta’ sena priġunerija iżda wara li rat l-artikoli 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta’ €1,425 danni lil Rita Galea fi żmien sitt xhur mil-lum. Minbarra dan, tordna l-interdizzjoni tiegħu għal perjodu ta’ ħames snin mil-lum, kif ukoll tordna l-iskwalifika ta’ l-imputat minn kwalunkwe liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta’ sena mil-lum. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni ta’ l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti fil-proċeduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------